MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 378/2011

**Denis Xuereb**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-15 ta’ April 2011 li jghid hekk:

Illi huwa akkwista, minghand is-socjeta assikuratrici konvenuta, tramite l-agent taghha, polza ta' assikurazzjoni bin-nurnru 21750H091 tat-tip «home insurance».

Illi bis-sahha ta' din il-polza ta' assikurazzjoni mahruga a favur l-attur, is-socjeta assikuratrici konvenuta kienet obbligat ruhha, li tkopri taht it-termini u kundizzjonijiet inkluzi fl-istess polza, kopja taghha annessa u immarkata DOK. DX1, l-eventwalitajiet indikati fl-istess polza.

Illi fiz-zmien meta l-polza ta' assikurazzjoni, hawn fuq imsemmija kienet ghadha in vigore u cioe fil-lejl ta' bejn it-30 u 1-31 ta' Jannar 2010, l-attur kien tilef curkett indikat fl-istess polza tal assikurazzjoni.

Illi wara li sehh dan l-incident, minkejja kull tentattiv li ghamel l-attur biex dan ic-curkett jinstab, liema curkett baqa' mitlufa, huwa ressaq claim lis-socjeta assikuratrici konvenuta, tramite l-agent taghha, liema claim gie indikat mis-socjeta konvenuta bin-numru N100009.

Illi minkejja li l-attur soffra danni a kawza tal-incident hawn fuq indikat, u dan fi zmien meta l-polza ta' assikurazzjoni kienet in vigore, liema incident kien kontemplat fl-istess polza ta' assikurazzjoni, is-socjeta assikuratrici konvenuta naqset milli tirrizarcixxi lill-attur ai termini tal-istess polza ta' assikurazzjoni.

Illi l-attur intavola l-ittra ufficjali intavolata nhar l-24 ta Novembru 2010 (4658/10), kopja taghha immarkata DOK. DX2.

Illi minkejja li s-socjeta assikuratrici konvenuta assumiet l-obbligi indikati fil-polza ta' assikurazzjoni, u minkejja li giet debitament interpellata, baqghat inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-attur, prevja kull dikjarazzjoni opportuna, jitlob lil din il-Qorti sabiex :

1) Tiddikjara li l-incident li sehh fil-lejl bejn it-30 u l-31 tal Jannar 2010 kien riskju kontemplat mill-polza ta' assikurazzjoni hawn fuq indikata, mahruga mis-socjeta assikuratrici konvenuta a favur l-attur, u li konsegwentement, is-socjeta konvenuta hija, a tenur tal-istess polza, tenuta li taghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-attur, kif koperti u kontemplati taht l-istess polza ta' assikurazzjoni bhala konsegwenza tal-incident hawn fuq imsemmi.

2) Tillikwida l-kumpens dovut mis-socjeta konvenuta lill-istess attur anke bl-opera ta' periti nominandi.

3) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2010, bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data li fiha saret il-claim mill-attur, sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li min issa hija ingunta ghas-subbizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, jehtieg li jigu regolarizzati l-atti fis-sens li galadarba s-socjeta ghandha l-ufficju rregistrat taghha jinsab Malta, l-esponenti ghandha tigi mharrka direttament u mhux tigi rraprezentata minn Thomas Smith Insurance Agency Limited;

2. Illi ukoll in linja preliminari, fit-tieni lok, l-esponenti tirrileva li l-lista tax-xhieda li hemm annessa mar-rikors mahluf ma hijiex konformita mad-dettami tal-ligi in kwantu l-attur naqas li jindika, kif rikjest mill-artikolu 156(4) tal-Kap. 12, l-isem ta' kull xhud li huwa fi hsiebu jressaq u l-iskop li jrid jottjeni minn kull xhud. L-esponenti ghaldaqstant qeghda minn issa titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprefiggi terminu qasir u perentorju li fih l-attur irid jindika l-isem ta' kull xhud li fi hsiebu jressaq sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi u jkun imbaghad ipprojbit milli jipproduci xhieda ohra li ma jkunux gew hekk indikati;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex fl-ewwel lok, il-polza ta' assikurazzjoni mahruga favur l-attur kienet espressament tistipula kundizzjoni fis-sens li l-istess attur kien obbigat li jadotta l-prekawzjonijiet kollha ragjonevoli sabiex jevita, u jirriduci, telf jew hsara. Mill-fatti kif rrakkontati mill-attur innifsu lir-rapprezentanti tal-esponenti, jirrizulta manifestament li l-attur naqas milli jiehu dawn il-prekawzjonijiet. Il-htiega li jittiehdu dawn il-prekawzjonijiet hija del resto kundizzjoni imposta mil-ligi generali tal-kuntratti ta' assigurazzjoni essendo l-kuntratt ta' assigurazzjoni kuntratt li jrid jigi interpretat u ezegwit in ottima fede. In-nuqqas jew il-ksur ta' dan l-obbligu impost mill-polza ta' assigurazzjoni u mill-principji generali tal-ligi dwar assigurazzjoni jwassal ghal dekadenza mid-dritt tal-attur li jitlob rizarciment abbazi ta' dik il-polza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk kuntrarjament ghal dak li temmen fermement l-esponenti, din l-Onorabbli Qorti tirritjeni li l-attur ottempora ruhu fedelment mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, l-obbligu tal-esponenti ma jmurx oltre dak illi thallas lill-attur il-valur reali tal-oggett mitluf. F'dan il-kaz, il-valur tac-curkett allegatament mitluf huwa ferm inqas mill-valur reklamat mill-attur. L-esponenti hija fi grad li tipprova li l-valur reali ta' curkett tad-deheb bid-djamanti u zafiri li kienu jiffurmaw parti minnu huwa ta' ferm inqas minn dak mitlub mill-attur;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tiddikjara illi, dejjem jekk jigi ritenut li hija tenuta taghmel tajjeb ghat-telf allegatament soffert mill-attur, hija tista' ukoll tibbenefika mill-ghazla li tirrimpjazza c-curkett allegatament mitluf b'iehor tal-istess mudell (mudell 3061), immanifatturat bl-istess piz ta' deheb, bl-istess piz u kwalita ta' djamanti u zafira u bl-istess disinn, naturalment b'tolleranza accettabbli ta' varjazzjonijiet zghar. Sabiex tezonera lilha nnifisha minn kull responsabbilta, l-esponenti sejra tghaddi sabiex tikkummissjona proprju dan ic-curkett u imbaghad tiddepositah taht l-awtorita tal-Qorti f'idejn kunsinnatarju ta' fiducja taghha u sejra imbaghad titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta espert f'dan il-qasam sabiex jirrelata jekk dan ic-curkett jissodisfax ir-rekwiziti necessarja sabiex l-esponenti tkun tista' toffrih lill-attur inadempiment tal-obbligu, u d-dritt taghha, li tirrimpjazza l-oggett mitluf pjuttost milli thallas il-valur esagerat u irreali mitlub mill-attur;

6. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

7. Illi b'riferenza ghal kull paragrafu (mhux enumerat) tar-rikors guramentat l-esponenti ghandha dan xi tghid:

a. L-ewwel paragrafu huwa korrett;

b. It-tieni paragrafu huwa korrett. B'dan li l-esponenti tixtieq tissenjala u tenfazizza li taht 'Part H' tal-polza insibu 'General Policy Conditions' u fil-paragrafu 2 ta' dawn il-kondizzjonijiet insibu 'Your duty to prevent loss or damage' li jghid precizament: 'You must do all that you reasonably can to prevent and reduce accidents, loss or damage';

c. Illi l-esponenti ma hijiex fi grad li, ghall-mument, tikkonferma jew tikkontesta l-paragrafu tlieta, u ghalhekk qeghda tirrizerva l-pozizzjoni taghha f'dan ir-rigward kif ukoll id-dritt li tipprova, permezz tax-xhieda tal-attur innifsu, li tikkontradici dak allegat mill-attur; Illi l-esponenti tippreciza u ssostni pero li jekk jirrizulta li l-attur verament tilef ic-curkett, ic-cirkustanzi li fihom intilef dan ic-curkett juru li l-attur naqas milli jadotta l-prekawzjonijiet ragjonevolment necessarji sabiex jipprevjeni t-telf tieghu;

d. Illi l-istess jinghad dwar il-paragrafu 4, b'dan li huwa minnu li l-attur fetah claim mas-socjeta konvenuta;

e. Illi l-ammont li l-attur kien qed jirreklama bhala l-valur tac-curkett mitlub jezorbita bil-bosta l-valur reali tal-istess curkett mehuda in kunsiderazzjoni l-ammont, il-piz, il-grad u l-valur tal-elementi kollha li kienu jikkomponu l-istess curkett flimkien mal-mano d'opera necessarju sabiex inhadem dak ic-curkett, u dan kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob risarciment ghat-telf ta' curkett prezzjuz minghand is-socjeta assikuratrici GasanMamo li maghha kien assikurat fil-mument li fih l-attur sofra t-telf. L-attur jikkontendi illi fil-lejl bejn it-30 u 31 ta' Jannar 2010 hu kien f'riceviment fil-Portomaso Suite, San Giljan u kien qed ipejjep sigarett fil-gallarija meta hu rema' s-sigarett ghal isfel u bl-azzjoni li ghamel biex rema' s-sigarett hariglu c-curkett minn subghajh iz-zghir ta' idu l-leminija u waqa' ghal isfel fejn hemm parti li hi passagg wiesa bis-siment li taghti ghal fuq il-marina ta' Portomaso. Parti mill-passagg fih il-hamrija.

l-attur jikkontendi li hu kellu polza ta' assikurazzjoni li hi esebita a fol. 5 et seq. tal-process u fost l-oggetti specifikament imsemmija hemm ic-curkett in kwistjoni b'valur dikjarat ta' €43,000. L-istess polza tistipula illi l-assikurazzjoni kienet effettiva sas-26 ta' Marzu 2010. Hu qed jitlob li jigi kumpensat ghat-telf li sofra.

Is-socjeta assikuratrici konvenuta tecepixxi fl-ewwel lok illi skond il-polza l-assikurat hu obbligat biex jadotta dawk il-prekawzjonijiet kollha ragonevoli biex jevita jew jirriduci t-telf u l-hsara u illi l-fatti juru illi l-konvenut naqas li jaghmel dan u dan igib id-dekadenza mid-dritt tal-attur li jitlob rizarciment a bazi tal-polza.

**Responsabilta**

Din l-eccezzjoni tippresupponi illi s-socjeta assikuratrici qed tikkontesta r-responsabilta taghha skond il-polza li tirrizarcixxi lil attur skond it-termini tal-istess polza. Din l-eccezzjoni issib fundament legali kemm mill-principji generali tad-dritt specjalment dak assikurattiv kif ukoll mill-istess kuntratt ta' assikurazzjoni ossia polza esebita a fol. 21 et seq. tal-process fejn fil-Parti H, General Policy Conditions hemm il-kundizzjoni 'you must do all that you reasonably can to prevent and reduce accidents, loss or damage'.

Din l-eccezzjoni pero tikkuntrasta ferm mal-provi prodotti peress illi harsa lejn il-provi jwasslu lil Qorti ghal konvinciment illi l-assikurazzjoni kienet qed tikkontesta biss il-valur tal-oggett assikurat u kienet qed tinsisti li tipprevalixxi ruhha mid-dritt jew opzjoni fil-polza li tirrimpjazza l-oggett mitluf b'iehor bhalu u mhux thallas l-ammont assikurat jew li l-assikurat jordna curkett iehor bhal dak mitluf minghand l-istess gioellier li minghandu xtara dak originali. Tant dan hu minnu illi f'e-mail ta' ufficjal tas-socjeta assikuratrici lil agent Thomas Smith li maghha saret l-assikurazzjoni a fol. 148 tal-process jinghad kif gej:

> Dear Antvin
>
> Claim No. N100009
>
> We refer to the above claim no. and have pleasure to confirm that we are entertaining this claim following receipt of the relative policy excess of €230.
>
> In line with policy conditions we shall proceed with replacement of this ring and kindly inform your client to contact Mr Raphael Azzopardi, Victor Azzopardi Jewellers 31/32 St. Anne Street Floriana, mobile no. 99499160 from Monday 13 Septemer.
>
> For your information we have made arrangements for settlement of this replacement directly with Azzopardi Jewellers.
>
> Regards
>
> Kevin

Dan ukoll gie konfermat minn Rita Wirth, general manager ta' Thomas Smith Insurance fil-kontroezami fejn qalet hekk:

> Mela ahna bla prejudizzju lil klijent konna ghidnielu, ghalkemm kellna d-dubju li c-curkett intilef bil-metodologija li kien semma' l-klijent fid-dokumenti tal-claim, ahna kien hemm ittra li fejn bla prejudizzju ghidnielu ahna ha nonoraw il-claim pero ha nonorawha billi nutilizzaw is-sezzjoni fejn inti tghidlek l-insurer ghandu d-dritt li jirriplacja c-curkett u ahna hrigna ittra to that effect.
>
> Avukat: Jigifieri in a nutshell il-kontestazzjoni mas-Sur Xuereb dejjem kienet dwar il-provenjenza minn fejn ha jigi c-curkett to replace.
>
> Xhud: Hekk hu u biex ikun identiku bhal ma kellu issa dik il-concern ovvjament ahna wkoll hadnieha into consideration ghax meta inti qed titkellem fuq stones bhal dawn

> li inti ha jkollok definittivament stone identika, hemmhekk ovvjament impossibli ghax din hija xi haga naturali, pero l-importanti kienet li ahna saqsejna ghac-certifikat minghand l-esperti li m'ghandhiex tkun zgur inferjuri milli kellu originarjament, dak kien, jigifieri filfatt meta ahna bghatna lis-Sur Xuereb ghand Victor Azzopardi biex jaccetta l-ispectifications li kellhom l-istones kienu ahjar anki bhala clarity, jigifieri mhux bhala sizes, bhala clarity u bhala kwalita ta' stones kienu superjuri milli kienu originali.

Dawn il-brani fil-fehma tal-Qorti jindikaw illi ma kienx qed jigi kontestat id-dritt tal-assikurat ghal rizarciment izda l-kontestazzjoni kien dwar il-quantum u l-modalita tar-risarciment.

Nonostante li l-Qorti tqis illi la darba l-assikurazzjoni acettat ir-responsabilita hi irrinuncjat ghall-oggezzjoni li qed taghmel issa ghax hemm l-ammissjoni taghha li ma tistax tinftiehem mod iehor hlief kif gia inghad. Pero ghal kompletezza din il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni la darba saret kellha tigi ippruvata mill-assikurazzjoni pero mill-provi kollha li ingiebu ma saret ebda prova f’hiex kien jikkonsisti n-nuqqas tal-assikurat li jottempera mal-obbligu tieghu li jiehu hsieb lil oggett assikurat. Rita Wirth fix-xiehda taghha tghid li kellhom id-dubju fuq il-pretensjoni tal-assikurat dwar kif intilef ic-curkett pero ma ingiebet ebda prova li fil-fatt ic-curkett ma intilifx u la intilef dan sar bi traskuragni tali tal-assikurat li ma jimmeritahx ikun protett bl-assikurazzjoni.

Il-provi prodotti mill-attur ma jhallux dubju dettat mir-raguni illi fil-hin tat-telfien tac-curkett kien f’idu. Dan jixhdu l-attur bil-gurament tieghu u certu Douglas Axisa li inzerta kien jafu u kienu flimkien fil-gallerija fil-mument li intilef ic-curkett. Ix-xhud ighid li jaf li kellu curkett f’idu u rah jarmi s-sigarett. Sema’ hoss ta’ xi haga tahbat mal-hadid tal-gallerija. Hu jikkonferma li l-attur mill-ewwel deher mahsud u qallu li waqalu ic-curkett u l-attur mar ifittxu isfel hdejn il-Marina fil-waqt li hu baqa’ fil-gallerija ifittxu hemm.

L-attur mill-banda l-ohra jixhed illi apart li nizel ifittxu, ghenu wkoll is-security tal-Marina, certu Pullu Xuereb, u anki dak il-hin l-attur baghat ghal zewg haddiema tieghu li ghalkemm damu siegha u nofs ifittxu ma sabuhx. Waqfu ghax kienet ix-xita. L-ghada rega’ baghat xi haddiema jfittxu u anki qabbad bughaddas certu Raymond Zammit dakinhar stess biex ifittex fil-bahar. Raymond Zammit xehed li t-tfittixja fl-ilma ma kinitx ta’ success peress li l-ilma hemm kollu alka u l-qiegh maghmul minn gebel kbir u curkett facilment jidhol bejn il-gebel.

Meta l-attur ra li ma sabx ic-curkett ghamel rapport l-ghassa fil-31 ta’ Jannar 2010 (fol. 20 et seq. tal-process) u informa mill-ewwel lil agent tal-assikurazzioni cioe Thomas Smith Insurance.

Il-Qorti ma tqis illi t-telfien tac-curkett kien il-frott ta’ xi nuqqas da parti tal-attur. Ic-curkett kien inxurjat ghal gzejjer ta’ Malta u kwindi l-attur ma kienx prekluz milli jilbsu barra mid-dar. Fil-mument tal-akkadut, fl-assenza ta’ prova ohra, ic-curkett kien f’idejh u kien il-moviment tat-tfiegh tas-sigarett minn idu li c-curkett hariglu minn sebghu iz-zghir fejn kien milbus. Id-deskrizzjoni ta’ kif rema s-sigarett cioe billi flikkja s-sigarett bit-tielet sebgha l-barra tipprovoka istintivament il-ftuh tas-swaba l-barra u hu verosimili li l-azzjoni tieghu kienet tali li setghet ser tipprovoka dak li sehh. Dan kien incident li ghalih il-Qorti ma tqis li l-attur naqas fid-dmir li jiehu hsieb l-oggett assikurat. Dan mhux kaz fejn l-attur neza’ c-curkett u hallih warajh izda kaz fejn ic-curkett hariglu minn subghajh b’azzjoni awtomatika ta’ tfiegh ta’ sigarett li zgur ma kellhux l-iskop li mas-sigarett jintrema wkoll ic-curkett. Il-fatt li l-attur kien fil-gallerija kienet cirkostanza sfortunata izda mhux negligent.

In oltre l-Qorti tqis illi l-azzjoni immedjata tal-attur biex jirrintraccja c-curkett anki bl-ghajnuna ta’ haddiema tieghu u bl-ingagjar ta’ bughaddas fi zmien daqshekk qasir juri illi l-attur ha hsieb u kien diligent li safejn kien possibli jipprova jirrintraccja c-curkett.

Il-Qorti tqis li ma hemm xejn indikattiv ta’ xi nuqqas premeditat jew negligent da part ital-assikurat li minhabba fih ghandu jigi prekluz mid-dritt ghal risarciment.

**Dannu**

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance plc**, (App Inf 04/05/2005) intqal hekk:

> funzjoni primarja ta’ l-obbligazzjoni ta’ rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu par equivalent, tal-qaghda antecedenti ghall-fatt. Dan f’somma li tekwipara <u>l-valur reali ta’ l-utilitajiet mitlufa jew ta’ l-oggett distrutt</u>. (enfasi ta’ din il-Qorti)

Fl-istess sentenza izzid tghid:

> Huwa kjarament desumibbli minnu illi kull konsegwenza patrimonjali negattiva ghall-attrici appellanti trid tigi kalkolata <u>skond parametri objettivi tas-suq fil-mument tas-sinistru</u>. (enfasi ta' din il-Qorti)

Din hi l-kontestazzjoni principali jekk mhux esklussiva bejn il-partijiet.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm l-attur ipprezenta stima 'for insurance purposes' tal-valur tac-curkett dan ma jaghtix jedd awtomatiku li jigi kumpensat f'dak l-ammont. L-ammont stabbilit mill-assikurat hu l-massimu li jista' jippretendi f'kaz li jigri sinsitru kopert bl-assikurazzjoni pero kif qalet is-sentenza fuq imsemmija hu l-kompitu u l-oneru tal-assikurat li jipprova li fil-mument tal-event dannuz il-valur tal-oggett kien dak assikurat.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni li kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.** (14/05/2004):

> Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess-polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta` assikuratrici.
>
> F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfati r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioe` li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre l-oggetti tal-kuntratt jrid jkun determinat u lecitu.
>
> Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni s-socjeta` assikuratrici tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur

> (Art. 1053 (I), Kodici Civili). Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjeta` assikuratrici tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex tghazel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrima fides hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni billi, kif gie ritenut minn Lord Scrutton fil-kaz "Greenhill v Federal Insurance Co. (1927): "Now insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that this position be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he is not taken as knowing, so that the contract may be entered into on an equal footing." Infatti kif gie ritenut fil-kaz "Pickersgill v London & Prov. Marine" (1912): "The duty to make a full disclosure proceeds from an implied term in the contract precedent to the insurers liability."

Fil-polza jinghad hekk fil-parti D "Basis of Claims Settlement' (fol. 32 tal-process) paragrafu 'f':

> In the event of a claim under this section of this policy we reserve the right to request a valuation or recent evidence of value, or proof of purchase, to be produced before payment can be considered; or to engage an Expert of our choice to establish the probable value of the item in respect of which the claim has been made prior to the cause of the claim.

In oltre l-assikurazzjoni ghandha l-opzjoni jew ta' indenniz tal-valur tal-oggett assikurat jew li jigi rimpjazzat ma iehor kif jinghad fl-istess parti D paragrafu 'a' li hekk:

> We will pay up to the Sum Insured for Contents shown in the Schedule for the full cost of replacing, reinstating or repairing as new (or at our option we will replace as new) the lost or damaged contents, with a deduction for wear and tear made only in respect of clothing, household linen, Pedal Cycles and any other contents which you do not intend to replace.

Hi l-fehma tal-Qorti illi qabel ma tigi intratenuta l-kwistjoni dwar dak li fil-fehma taghha l-assikurazzjoni ghandha tirrizarcixxi cioe jekk hux somma jew oggett flok dak mitluf, irid l-ewwel jigi identifikat bi precizjoni t-telf soffert mill-attur. Dan it-telf patrimonajli irid jigi stabbilit tramite l-valur tieghu l-ewwel u qabel kollox. Hawn tidhol il-kwistjoni tal-buona fede li trid tidher u tigi pruvata mill-assikurat. Il-fatt wahdu li l-oggett gie assikurat skond id-dikjarazzjoni maghmula mill-assikurat, ma jaghtix fil-fehma tal-Qorti, jedd awtomatiku ghal risarciment

skond id-dikjarazzjoni maghmula f'dan il-kaz relattiva ghal valur skond l-oggett assikurat. Il-valur stabbilit mill-assikurat jistabilixxi l-premium dovut u f'kaz ta' sinistru l-assikurat ikollu l-jedd li jigi risarcit sal-ammont assikurat jekk pero jkun hemm prova cara u univoka li l-valur assikurat hu l-valur reali tal-ogget li l-assikurat assorbixxa d-dannu dwaru.

L-attur kien ikkonsenja valutazzjoni tac-curkett maghmul minn Sergio Zampa cioe l-gioellier li beghlu c-curkett datata 2 ta' April 2009. Din il-valutazzjoni saret ghal skopijiet assikurattivi u hemm deskritt l-oggett, il-hagar u l-piz komplessiv taghhom u l-metal li jikkomponuh u stima tal-oggett.

Hu ovvju ghal Qorti illi tali stima wahedha ma hix prova cara u certa tal-valur tac-curkett. Minnha infisha hi nieqsa minn fattur importanti hafna ghal verifika tal-valutazzjoni li l-assikurazzjoni ghandha dritt titlob cioe l-kwalita tal-hagar li jikkomponu c-curkett. Dan ghaliex il-kwalita f'dak li hu clarity u grading jaghmel differenza kbira fuq il-valur ta' oggett ta' tali pregju deskritt bhala alta gioelleria.

Kien jimkombi ghalhekk fuq l-attur li jgib l-ahjar prova in sostenn tal-valur tac-curkett u konsegwentement id-dannu subit. L-assikurazzjoni talbet ir-ricevuta fiskali meta l-attur xtara c-curkett minghand Serigio Zampa pero stranament la l-attur u anqas Sergio Zampa ma ipproduca kopja ta' dan id-dokument. Il-Qorti tqisha stramba kif l-attur b'oggett ta' tali pregju kopert b'assikurazzjoni appozita ma zammx kopja tar-ricevuta tal-akkwist u hu wkoll stramb kif l-istess bejjiegh cioe Sergio Zampa ukoll ma ghandux xi dokument ufficjali li juri tali bejgh.

Kif inghad l-istima ghal skopijiet ta' assikurazzjoni hi nieqsa minn dettalji saljenti fuq il-kwalita tac-curkett. La l-attur u anqas Sergio Zampa ma ipproducew ebda prova ta' dan. L-unika prova li ingiebet hi e-mail mibghuta mis-socjeta Errecibi SRL lil Sergio Zampa fil-25 ta' Ottubru 2010 fejn jikkonfermaw li fl-2002 kienu bieghulu c-curkett mudell 3061 bil-karatteristici hemm imsemmija (fol. 154 tal-process).

Skond Rita Wirth il-general manager ta' Thomas Smith Insurance tixhed li f'laqgha bonarja li kellha mal-attur intalab jaghti c-certifikat orginali tad-deskrizzjoni u valur tac-curkett. L-attur

ma kellux dan ic-certifikat u meta cempel quddiemha lil Sergio Zampa dan qallu li kien ikkonsenjalu dan ic-certifikat bid-dettalji u specifications (ara xhieda ta’ Rita Wirth a fol. 131 tal-process). Dan ic-certifikat baqa’ ma giex prodott mill-attur.

L-attur pero gab bhala prova lil assikurazzjoni e-mail mibghuta fil-25 ta’ Ottubru 2010 minn Errecibi SRL lil Sergio Zampa bi specifications (fol. 154 tal-process), kif ukoll stima tal-istess ditta datata 10 ta’ Marzu 2011 ghal produzzjoni ta’ curkett iehor simili b’valur ta’ €48,000 (ara fol. 56 tal-process).

Is-socjeta assikuratrici qed tikkontendi li dan il-valur ma jirrispekkjax il-valur veru tac-curkett. Da parti taghha gabet stima minghand Joseph Debono Jewellers li a bazi tar-ritratt tac-curkett ghamel valur ta’ €23,000 ghal curkett simili (fol. 144 tal-process). Ingiebet ukoll stima ta’ Rapael Azzopardi ta’ Azzopardi Jewellers li ghamel zewg stimi wahda ta’ €12,000 minghajr VAT u ohra ta’ €18,000 eskluz VAT b’hagar ifjen u akbar (fol. 145 tal-process). Jirrizulta mill-provi illi Raphael Azzopardi kien lest li jaghmel ic-curkett hu fis-sens li jordnah minn barra. Din l-asserzjoni kienet sorretta mill-argument li s-supplier tieghu certu Pagano Bartolo kellu gioelleria vicin hafna ta’ dik ta’ Errecibi SRL u li seta’ jgib minghandhom il-mudell tax-xemgha tac-curkett li kien identifikabbli minn numru fuq ir-ritratt tal-mudell cioe 3061 esebit mill-konvenut a fol. 164 u 165 li jikkorispondi man-numru fuq il-fattura maghmula minn Errecibi SRL ghal rimpjazzament tal-istess curkett bl-istess numru ta’ mudell esebit mill-attur (fol. 56 tal-process).

B’din il-forma seta’ jinhadem ic-curkett kif kien originarjament. Anzi zied li l-hagra l-kbira taz-zaffir kienet ser tkun ifjen minn dik originali bhala kulur. Din l-affermazzjoni hi sorretta mix-xiehda ta’ Pagano Bartolo innifsu li qal li ilu fil-mestjier ghal 50 sena u illi kellu l-istabbiliment ftit il-boghod min Errecibi SRL u li kellem lil certu Bertami tal-istess ditta li ikkonsenjalu l-mudell tax-xemgha tal-imsemmi curkett bla ebda hlas.

Raphael Azzopardi jikkonferma li darba li jkollok il-mudell, jista’ jinhadem curkett replika tal-originali. Ic-curkett ma kienx ser jahdmu hu izda kien ser isir mid-ditta Pagano.

Ghalkemm hemm divergenza bejn il-partijiet jekk il-mudell 3061 jirrispekkjax ic-curkett li tilef l-attur, hi l-fehma tal-Qorti illi mill-provi hu verosimili illi l-mudell li jgib in-numru 3061 hu l-istess kemm ghall-original li intilef u ghal mudell li fuqu l-assikurazzjoni offriet li tirrimpjazza b'iehor.

Il-Qorti tifhem illi f'dan ix-xoghol jidhol element ta' gosti u esperjenza ta' min ikun qed jimmanifattura c-curkett li f'dan il-kaz kien wiehed mhux komuni u jrid isir appozitament minn artigjan tas-sengha. Il-Qorti tapprezza wkoll illi l-attur ried li r-rimpjazz isir tramite d-ditta li immanifatturat tieghu.

Mill-banda l-ohra l-Qorti hi konsapevoli tad-dritt tal-assikurazzjoni li flok thallas il-kumpens tirrimpjazza l-oggett. Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi fejn is-socjeta konvenuta zgur ma hix f'pozizzjoni li tiggarantixxi replica identika ghal dak mitlub specjalment meta l-manifattura ser issir minn ditta differenti minn dik li ghamlitu, l-ahjar soluzjoni tkun li s-socjeta assikuratrici tikkompensa lil attur bil-valur tieghu peress illi l-attur baqa' jsostni illi ma riedx li c-curkett jigi manifatturat min terzi, u dan il-Qorti tifhmu peress li l-oggett, apparti l-valur intrinsiku tieghu, kellu grad gholi ferm ta' hidma. Il-Qorti ma tqis prattiku illi jithalla jsir curkett min terzi u l-assikurat jigi mgieghel jaccetta oggett li forsi ma jilhaqx il-grad ta' lavorazzjoni mehtiega u meta jidher car mill-provi illi l-hidma tal-oggett tista' tvarja minn id ghal ohra u l-iskop tar-risarciment in integrum ma jigix milqugh fl-ispirtu li jrid risarciment assikurattiv f'oggett simili li oltre l-valur ghandu wkoll element estetiku qawwi li jqawwi l-valur bhala kwalita.

Maghdud dan il-Qorti ghalhekk hi propensa li tilqa' t-talba attrici ghal kumpens flok rimpjazzar tal-oggett.

Din pero tiftah kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet peress illi mill-banda l-wahda l-attur qed jippretendi risarciment ta' €43,000 mentri skond l-assikurazzjoni rimpjaziament tac-curkett jinvolvi valur ta' €18,000 eskluz VAT. Id-ditta Errecibi SRL fl-istima li baghtet fl-2011 ghal rimpjazzament ta' curkett simili hu ta' €48,000 (ara fol. 56 tal-process).

Hemm ghalhekk diskrepanza kbira bejn il-valur offert u dak mitlub. Din il-Qorti ma kinitx tirriskontra tant diffikulta li kieku l-attur ipproduca r-ricevuta tal-hlas jew id-deskrizzjoni originali bil-valur. Il-Qorti tifhem li l-gioellier jrid jaghmel margini ta' profitt pero f'dan il-kaz hemm bahar jaqsam bejn l-istima u l-valur assikurat. Wara kollox jinkombi fuq id-danneggjat li jipprova mhux biss l-ezistenza izda l-entita tad-dannu subit (ara **Gasanmamo Insurance vs Keith Borg**, App Inf 21/06/2006).

Il-Qorti hadet kont tad-deskrizzjoni li baghtet id-ditta Errecibi SRL lil Sergio Zampa fil-25 ta' Ottubru 2010 fejn hemm deskrizzjoni dettaljata dwar il-grad tad-djamanti oltre l-'clarity' u l-piz tal-hagar. Il-grad tad-djamanti kien nieqes fl-istima li ghamel Raphael Azzopardi u l-Qorti fuq talba taghha irrikjamat il-kawza u staqsiet dwar dan lill-istess Raphael Azzopardi u jekk dan kienx ibiddel il-valur minnu stabbilit. Hu irrisponda li dan kien jaghmel differenza u fil-fatt il-Qorti innominatu bhala espert biex jaghmel stima skond id-deskrizzjoni tal-hagar tac-curkett kif deskritt mis-socjeta Errecibi SRL. Raphael Azzopardi ipprezenta stima aggornata ghal valur ta' €22,800 eskluz il-VAT hekk kif kien il-valur fl-2010 cioe fil-mument tat-telfien tac-curkett. Il-Qorti tqis li din l-istima ghandha tittiehed bhala l-aktar wahda li tirrispekkja l-principju regolatur f'kawzi simili li d-danneggat ghandu jigi risarcit tat-telf li jkun issubixxa fil-mument tat-telfien b'tali mod li jerga' jigi reintegrat fil-patrimonju tieghu. Il-Qorti tqis li dan ma jfissirx li l-ammont dikjarat ghal assikurazzjoni bilfors ikun il-valur reali tal-oggett mitluf ghax kif l-assikurazzjoni ghandha l-obbligu li thallas tat-telf skond l-assikurazzjoni, tali telf irid jirrispekkja dak li verament kien it-telf patrimonjali attwalment subit mhux necessarjament dak dikjarat mill-assikurat. Wara kollox hadd ma ghandu jivvantaggja ruhu minn sitwazzjoni biex jaghmel profitt. Il-Qorti pero tapprezza wkoll illi l-assikurat kellu curkett mhux komuni manifatturat minn ditta x'aktarx specjalizzata li ghamlet ic-curkett fuq mudell appozitu. Biex l-attur jerga' jirrimpjazzah, anki fiz-zmien tat-telf tieghu kien ser jirrikjedi dik ix xi haga aktar fil-prezz milli kieku gie manifatturat min kwalsiasi giollerier. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-valur stabbilit mill-espert Raphael Azzopardi ghandu jigi awmentat biex jaghti aktar bilanc bejn id-drittijiet tal-assikurazzjoni u dak tal-assikurat. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-valur ghalhekk tad-dannu inibit ghandu jkun arbitrio u boni viri fis-somma ta' €25,000 eskluz VAT.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €25,000 li maghhom irid jizdied il-VAT, bl-ispejjez jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imghax jibda jiddekorri mid-data li saret il-claim mill-assikurat cioe mill-1 ta' Frar 2010.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------